**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 31 – IL-ĦAMIS, 25 TA' APRIL 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

**1.** **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ- *Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2.** **KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1.1. Iċ-Chairperson infurmat li saret laqgħa f'Baħar iċ-Ċagħaq (BIC) mas-Segretarju Eżekuttiv u kienet preżenti s-Sinjura Evelyn Muscat. F'din il-laqgħa daru diversi postijiet fejn hemm problemi u kif jistgħu jissolvew. B'riżultat ta' din il-laqgħa kienu diġà bdew jiġu rranġati ċertu xogħlijiet.

2.1.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li t-tabelli li kellhom jitwaħħlu fi Triq San Franġisk t'Assisi ma sarux fil-post it-tajjeb iżda fil-parti l-ħażina. Infurmat li kienet faċli li wieħed jitfixkel minħabba li din it-triq hija maqsuma fi tnejn u sseparata bil-bini. Huwa għalhekk li jkun għaqli kieku jsir ħsieb biex parti minnhom tinbidel isimha. Fl-istess waqt kien hemm qbil li t-tabelli li twaħħlu xorta għandhom użu u għalhekk jistgħu jibqgħu imwaħħlin fejn huma.

2.1.3. Iċ-*Chairperson* infurmat li fit-8 ta' Mejju 2013 se ssir laqgħa ta konsultazzjoni relatata ma' żviluppi minn WasteServ Malta Ltd.

2.1.4. Is-Sinj. Cuomo qalet li rċiviet talba mingħand is-Sinj. Audrey Galea f'isem ir-residenti tat-triq li jixtiequ li jkollhom bozza ġdida fi Triq Qalet Marku. Kien hemm qbil unanimu li l-bozza teħel ma' arblu eżistenti (kantuniera ma' Triq is-Sibbiena).

2.1.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fir-rigward ta' Triq il-Lampara, wara spezzjoni li saret fil-post, se tiżdied bozza waħda u għandha tkun biżżejjed għan-neċessità tat-triq.

## 3. RAPPORT FINANZJARJU

3.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

## 4. XOGĦLIJIET TA' TARMAK

4.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li b'riferenza għall-*budget* li għandu l-Kumitat huwa tal-fehma li jagħmel kemm Triq il-Fugassa, Triq il-Lampara u parti minn Triq is-Sikka. Il-Kumitat approva.

4.1.2. Sadanittant kien hemm qbil li Triq il-Fugassa għandha ssir f'direzzjoni waħda biex minflok ma' wieħed jibqa' nieżel minn Triq il-Lampara għal Triq is-Sikka, jibda jgħaddi minn Triq il-Fugassa u b'hekk ikun evitat il-possibiltà ta' periklu fil-kantuniera ta' Triq il-Lampara ma' Triq is-Sikka.

## 5. TIBDIL TAT-TABELLI TAL-ISMIJIET TAT-TOROQ

5.1.1. Is-Sinj. Cuomo u s-Sur Bonello se jduru t-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jagħmlu rapport bl-ismijiet tat-toroq li għandhom bżonn jinbidlu.

5.1.2. Kien suġġerit li fejn ikun possibli jitwaħħlu mal-ħitan, isiru taċ-ċeramika.

## 6. L-ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK 2013

6.1.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li tkellmet mas-Sur Robert Galea u mas-Sinj. Michelle dwar maratona li tixtieq li ssir dakinhar tal-attività li jkollha l-għan ewlieni tagħha sabiex tiġbor il-flus b'risq s-sorijiet tal-Ursolini.

6.1.2. Iċ-*Chairperson* ta' Baħar iċ-Ċagħaq semmiet għad ta' affarijiet li tixtieq li jkunu nklużi fl-attività. Dawn huma: esebizzjoni tal-fotografija u tal-pitturi; żfin folkloristiku; kif ukoll uriet l-interess f'ċertu wieħed Gambin li għandu s-sengħa li jagħmel il-presepji. Barra minn hekk hija qalet li l-attività trid tkun immiratha għat-tfal ukoll.

6.1.3. Is-Sur Woods hu tal-ħsieb li ssir xiħaġa sabiex tippromwovi l-i*sports* u l-ħajja b'saħħitha kif ukoll tippromwovi l-karatteristiċi ambjentali fuq ix-xogħol.

6.1.4. B'żieda mas-suġġerimenti li resqu kemm iċ-*Chairperson* kif ukoll il-viċi *Chairperson*, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-ħsieb li jkun hemm il-*Belly Dancing*.

6.1.5. Is-Sinj. Cuomo appellat lill-kumplament tal-Kumitat sabiex jagħmlu riċerka għall-i*sponsors* b'risq l-attività. Dawn fid-dawl tal-fuljetti, *billboards*, eċċ.

6.1.6. Is-Sinj. Vella qalet li l-Kumitat għandu jerġa javviċina lil tal-BMX sabiex jerġgħu jagħmlu esebizzjoni simili għal tas-sena l-għaddiet.

6.1.7. Iċ-*Chairperson* qalet li hemm bżonn li jiltaqgħu l-persuni kkonċernati sabiex isir il-ftehim meħtieġ għall-organizzazzjoni tal-attività. Kien hemm qbil li d-data għandha tkun nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju, 2013; għal ħin tas-7:30pm. Il-persuni li se jkunu mitluba li jattendu għal din il-laqgħa huma: Il-membri tal-Kumitat; Fr Paul Attard; is-Sur Gambin; is-Sur Robert Galea fost l-oħrajn.

6.1.8. Is-Sinj. Cuomo qalet li s-Sinj. Muscat għandha l-kapaċità li tagħmel il-*glass painting* filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinj. Vella tista' tikkunsidra li tgħallem lit-tfal kif jirreċċtaw.

## 7. KORSIJIET EDUKATTIVI VARJI

7.1.1. Is-Sur Woods wera x-xewqa li l-Kumitat jagħti lit-tfal dak li ma jistgħux jitgħallmu mill-iskola.

7.1.2. Huwa għalhekk kien qiegħed jipproponi korsijiet edukattivi b'differenza li aktar jiffukaw fuq krafts biex joħorġu l-kreattività. Huwa ssuġerixxa li jissemma Nova Club.

## 8. FULJETT

8.1.1. F'dan il-ħin issemmiet il-laqgħa ippjanata tal-komunità għas-17 ta' Mejju fis-7:15pm.

8.1.2. Is-Sinj. Cuomo talbet għal ideat għall-fuljett biex ikun jista' jiġi konkluż.

8.1.3. Għalkemm kien ippjanat li jsir fuljett bl-avviż tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kumitat jekk hux possibli li minflok il-fuljett titqassam ittra minħabba li ma kienx għad baqa' żmien adekwat biex jitlesta l-fuljett u jitqassam fiż-żmien meħtieġ. Il-Kumitat qabel.

8.1.4. F'dan il-ħin is-Sur Woods skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien is-6:35pm.

## 9. ĦWEJJEĠ OĦRA

9.1.1. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet li terġa ssir ġurnata ta' kollezzjoni tal-ħwejjeġ kif kien sar diġà. Dan idealment għandu jsir is-Sibt lejn l-aħħar ta' Mejju 2013. Is-Sur Bonello qal li tajjeb li jsiru xi avviżi fil-Knisja f'dan ir-rigward filwaqt li s-Sinj. Cuomo semmiet li jkun għaqli wkoll li titħabbar waqt il-laqgħa li hemm maħsuba għar-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

9.1.2. Ic-*Chairperson* qalet li hemm bżonn tiżdied *bus stop* fi Triq ir-Ridott fejn id-daħla tal-parkeġġ. Dan għaliex mingħajr *bus stops*, ħafna mis-sewwieqa tal-Arriva ma jieqfux.

9.1.3. Is-Sinj. Muscat semmiet il-qagħda ħażina li tinsab fiha l-bankina ta' Triq Xatt il-Palm.

9.1.4. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn nibagħtu lil xi ħadd mill-ħaddiema sabiex ibiddel is-serratura tan-*Notice Board* ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

9.1.5. Is-Sur Bonello semma' l-problema ta' ħruġ ta' ilma ta' drenaġġ minn *Star Estate*. Ġie mgħarraf li jistgħu jagħmlu rapport lis-Sanità.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013 ghal 5:00pm.

10.1.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:10pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |